

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015

P8_TA(2015)0416

Adeżjoni tal-Ekwador għall-Ftehim Kummerċjali UE-Kolombja u Perù

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2015 dwar l-adeżjoni tal-Ekwador għall-Ftehim Kummerċjali konkluż bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Kolombja u l-Perù (2015/2656(RSP))

(2017/C 366/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-konklużjoni tan-negożjati bejn l-UE u l-Ekwador dwar l-adeżjoni ta' dan il-pajjiż mal-Ftehim Kummerċjali konkluż bejn l-UE u l-Kolombja/Perù fis-17 ta' Lulju 2014,
 - wara li kkunsidra l-inizjalar, fit-12 ta' Diċembru 2014, tal-protokoll li se jippermetti lill-Ekwador jingħaqad mal-ġirien tiegħu, il-Kolombja u l-Perù, f'relazzjoni kummerċjali preferenzjali mal-UE,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tariffarju għal merkanzija li toriġina mill-Ekwador ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa minnhom, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplementa l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Kolombja u l-Perù ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-istrategġja tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina ⁽⁵⁾ u tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Amerika Latina ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim Kummerċjali mal-Kolombja u l-Perù hi pass deċiżiv ieħor fl-alleanza ma' pajjiżi u reġjuni importanti li jikkondividu l-istess fehmiet u li qed jikbru b'rata mgħaġġla, f'reġjun li qed idur aktar u aktar lejn l-Asja u l-Paċifiku;
- B. billi t-test tal-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim Kummerċjali mal-Kolombja u l-Perù jaqbel mal-ambizzjonijiet kemm tal-UE kif ukoll tal-Ekwador, billi jqis ir-relazzjoni asimmetrika fl-offerti ta' aċċess għas-swieq favur l-Ekwador, billi jallinjah mal-kontenut tal-Ftehim, iżda jinkludi għalkollox l-adattamenti speċifiċi kif mitluba mill-Ekwador;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0087.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0481.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0480.

⁽⁴⁾ ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 52.

⁽⁵⁾ ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 54.

⁽⁶⁾ ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 79.

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015

C. billi l-Gvern tal-Ekwador investa USD 40,8 biljun fis-settur soċjali – l-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali — matul dawn l-aħħar tmien snin, bi programmi speċifiċi favur l-aktar gruppi vulnerabbli tas-soċjetà, bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tan-negozjati mal-Ekwador dwar il-protokoll għall-adeżjoni tiegħu mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù, filwaqt li jirrikonoxxi l-benefiċċji importanti li dan se jgħib miegħu għall-esportazzjonijiet tal-Ekwador lejn l-UE, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-Ekwador m'għadux jibbenefika mill-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi unilaterali tal-UE; iħeġġeġ id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni rapidi u kompluti ta' dan il-ftehim, li se jiżgura l-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-ambjent fl-ogħla livell; iqis li dan il-ftehim ser jagħti spinta u jiddiversifika l-kummerċ u l-investment għaż-żewġ naħat, jagħmilha ta' mutur importanti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-faqar u għat-tnaqqis tal-inugwaljanza;

2. Ifakkar li qabel ma ta l-approvazzjoni tiegħu għall-Ftehim Kummerċjali fil-11 ta' Diċembru 2012, il-Parlament talab lill-pajjiżi Andini, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2012 imsemmija iktar 'il fuq, jiżguraw li jiġi stabbilit pjan direzzjonali trasparenti u vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u tax-xogħol, u li l-Gvernijiet tal-Kolombja u tal-Perù iressqu pjanijiet ta' azzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli qabel ma l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu; iħeġġeġ lis-sħab kollha jaħdmu għall-implimentazzjoni effikaċi tal-pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u tax-xogħol li ressqu;

3. Jenfasizza kemm hu importanti li l-Ekwador jiżgura li l-politiki tiegħu jkunu konsistenti mal-impenji tiegħu fl-ambitu tad-WTO u tal-ftehimiet kummerċjali, u li jipprevedi trasparenza sħiħa u konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati qabel l-adozzjoni tagħhom; jistieden għaldaqstant lill-Ekwador biex mingħajr aktar dewmien jindirizza l-ostakoli identifikati li baqa' għall-aċċess għas-suq;

4. Ifakkar lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar ir-rwol li jeħtieġ jiżvolġu biex jiżguraw l-applikazzjoni effikaċi tal-pjanijiet ta' azzjoni; ifakkar lill-Kummissjoni li għandha tinforma lill-Parlament b'mod xieraq dwar l-applikazzjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri li hađu biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE lill-Parlament iressqu rapport komprensiv li jiffoka fuq il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari b'rabta mal-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni u l-ħolqien ta' opportunitajiet soċjoekonomiċi għall-iktar gruppi żvantaġġati tas-soċjetà u mat-trawwim tal-progress fir-rigward tad-demokrazija, id-difiża tad-drittijiet umani u tal-ħaddiema u tal-protezzjoni ambjentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tisfrutta bis-sħiħ l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

6. Iħeġġeġ lill-gvern tal-Ekwador jieħu nota tal-pjanijiet ta' azzjoni mressqa mill-Kolombja u mill-Perù u jieħu azzjonijiet simili għax din tirrappreżenta opportunità biex itejjeb il-kundizzjoni ġenerali ta' ħajjet iċ-ċittadini, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-ambjent;

7. Jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma elementi essenzjali tar-relazzjoni ġenerali bejn l-UE u l-pajjiżi Andini; jistieden għaldaqstant lis-sħab kollha biex jippromwovu d-drittijiet u l-libertajiet kollha stabbiliti fid-dritt internazzjonali u jiżguraw li dawn ikunu garantiti għalkollox u b'mod universali;

8. Jenfasizza li l-ekonomija tal-Ekwador esperjenzat tkabbir ekonomiku sod f'dawn l-aħħar snin u jirrikonoxxi li t-tkabbir ekonomiku kien inklużiv. jindika li dan it-tkabbir wassal għal tnaqqis dirett tal-faqar, b'mod partikolari l-faqar estrem, u tal-livelli ta' inugwaljanza, filwaqt li kabbar il-klassi medja. jilqa' l-fatt li, skont l-aktar ċifri reċenti tal-Bank Dinji, il-faqar fl-Ekwador naqas minn 37,6 % għal 22,5 % bejn l-2006 u l-2004, waqt li l-faqar estrem naqas minn 16,9 % għal 7,7 %;

9. Ifaħħar lill-Gvern tal-Ekwador talli investa aktar minn USD 40 biljun fis-settur soċjali matul dawn l-aħħar tmien snin; iħeġġeġ lill-Ekwador ikompli bil-politiki tiegħu ta' żvilupp soċjali u sostenibbli progressivi li rnexxew;

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015

10. Jinnota l-investimenti kbar magħmula mill-Ekwador matul dawn l-aħħar snin; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-azzjoni leġislattiva u mhux leġislattiva kollha meħuda mill-gvern u l-awtoritajiet lokali fl-Ekwador biex jiġu miġġielda l-faqar, l-inugwaljanza, il-forom kollha ta' vjolenza, l-impunità, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, u għall-azzjoni tagħhom li tiżgura li d-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-persuni u tal-gruppi vulnerabbli, bħalma huma t-fal, in-nisa, il-minoranzi u l-popli indiġeni, huma protetti kif jixraq, bil-għan li jinkiseb żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli u inklużiv; iħeġġeġ lill-Ekwador, b'rabta mad-drittijiet tat-tfal, biex ikompli u jintensifika l-isforzi tiegħu biex jipprovdi aċċess għall-edukazzjoni u biex jiġi miġġieled it-tħaddim tat-tfal;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-problemi ta' kompatibbiltà li jirriżultaw minħabba dispożizzjonijiet diverġenti rigward ir-regoli ta' oriġini, u dwar miżuri sanitari u fitosanitari (SPS) fir-rigward tal-kummerċ bejn ir-reġjun Andin u l-UE, u l-kummerċ bejn ir-reġjun Andin u l-MERCOSUR; jistieden lill-Kummissjoni toffri, jekk ikun meħtieġ, assistenza teknika li tindirizza r-rekwiżiti diverġenti biex jiġi evitat li jkun hemm interruzzjonijiet mhux mixtieqa fil-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika t'Isfel;
12. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-oġġettiv tal-UE li tinkludi kapitolu vinkolanti dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'kull ftehim kummerċjali konkluż ma' sħab industrijalizzati u mhux industrijalizzati; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-inklużjoni fil-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Ekwador ta' kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jirrifletti l-impenn komuni tas-sħab għall-promozzjoni tar-rispett, tal-osservanza u tal-eżekuzzjoni sħiħa u xierqa tal-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-konvenzjonijiet tal-ILO u l-ftehimiet ambjentali multilaterali ewlenin bħal pereżempju l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-ISpeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES);
13. Jilqa' l-ittra reċenti mingħand il-Ministeru għall-Kummerċ Barrani tal-Ekwador li tivvaluta s-sitwazzjoni tas-sessi fl-Ekwador; jitlob li ssir valutazzjoni speċifika tal-effetti tal-politiki ta' kummerċ ħieles fuq in-nisa, speċjalment fiż-żoni aktar foqra; jitlob rispett aktar komprensiv tad-drittijiet tan-nisa, speċjalment meta dawn ikunu influwenzati mill-politiki kummerċjali u l-effetti tagħhom, jew relatati magħhom;
14. Jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kapitolu dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim fil-ftehim kummerċjali ma jinkludix id-dispożizzjonijiet previsti fl-ambitu tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli;
15. Jilqa' l-fatt li l-Ekwador irrattifika t-tmien konvenzjonijiet fundamentali kollha tal-ILO; jisħaq fuq l-importanza ta' ratifika b'ħeffa u implimentazzjoni effikaċi tal-konvenzjonijiet kollha tal-ILO mill-Ekwador u l-Istati Membri kollha tal-UE; jiddispaċih dwar il-fatt li l-Ekwador għadu ma rrattifikax il-Konvenzjoni 129 tal-ILO, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi tal-Ekwador għal progress fl-applikazzjoni effikaċi tagħha; jistieden lill-Gvern tal-Ekwador isegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti tal-ILO għall-applikazzjoni effikaċi tal-Konvenzjonijiet 87 u 98 tal-ILO u jenfasizza l-importanza tal-possibbiltà li l-ħaddiema jkunu jistgħu jibdlu jew jistabbilixxu għaqdiet trejdunjonistiċi ġodda, għal raġunijiet ta' indipendenza, effikaċja, u affinità ideoloġika, u jfakkar b'mod partikolari li l-ILO talbet li l-Gvern Ekwadorjan jiehju l-azzjoni leġislattiva meħtieġa biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni;
16. Jilqa' l-fatt li l-partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jikkonservaw u jużaw b'mod sostenibbli d-diversità bijoloġika skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), li hi ġuridikament vinkolanti, u l-ftehimiet internazzjonali rilevanti l-oħra li l-partijiet huma firmatarji tagħhom;
17. Jinnota li l-Ekwador hu wieħed mis-17-il pajjiż b'megadiversità fid-dinja, u għandu l-akbar konċentrazzjoni ta' speċijiet (bejn 5 % u 10 % tal-bijodiversità tad-dinja);
18. Ifakkar li l-kostituzzjoni tal-Ekwador tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-iżvilupp tal-kummerċ ġust bħala oġġettiv ewlieni tal-politika kummerċjali tal-pajjiż jistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa mal-Gvern tal-Ekwador għall-promozzjoni ta' proġetti komuni fil-qasam tal-kummerċ ġust;
19. Jirrikonoxxi l-isforzi kbar magħmula mill-Ekwador dwar kwistjonijiet ambjentali, li ġew rikonoxxuti wkoll min-NU; jinsab imħasseb dwar il-fatt li minkejja l-isforzi li għamel il-pajjiż fir-rigward tal-kwistjonijiet ambjentali, l-Ekwador u l-pajjiżi ġirien tiegħu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' deforestazzjoni intensiva, telf sinifikanti tal-bijodiversità, tniġġis u erożjoni tal-ħamrija u tal-ilma; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġa strateġiji u programmi internazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti u trawwem is-sinerġiji meħtieġa u l-involvement responsabbli tal-partijiet pubbliċi u privati konċernati kollha;

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015

20. Jitlob li jkun hemm ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Ekwador u l-UE b'appoġġ għall-programmi ambjentali speċifiċi u jilqa' b'sodisfazzjon l-interess li esprima l-gvern Ekwadorjan fi ftehim ta' kooperazzjoni mal-UE b'appoġġ għall-programmi li jirrigwardaw id-deforestazzjoni; jappoġġa l-fehma li d-deforestazzjoni hija kwistjoni li tinvolvi r-responsabbiltà tal-komunità internazzjonali kollha kemm hi;

21. Ifakkar li l-Valutazzjoni tal-Impatt tas-Sostenibbiltà Kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi Andini tal-2009 bassret li d-deforestazzjoni u t-tnaqis fil-bijodiversità se jkunu r-riżultat tal-espansjoni proġettata fis-setturi tal-agrikoltura u tal-injam, kif ukoll il-kunflitt soċjali minħabba l-espansjoni fl-estrazzjoni mill-minjieri, l-estrazzjoni tal-idrokarburi u l-attivitàjiet ta' qtugħ tal-injam f'żoni rurali;

22. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni Ewropea jiffokaw fuq is-sostenibbiltà ambjentali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-attivitàjiet kollha ta' kooperazzjoni ffinanzjati mill-UE u jitlob lill-partijiet kollha jippromwovu l-aħjar prattiki kummerċjali relatati mar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) skont il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD dwar is-CSR u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681);

23. Ihegġegħ lill-muniċipalitajiet tal-Ekwador jużaw l-opportunitajiet offruti permezz tal-qafas kummerċjali l-ġdid biex jikkoperaw direttament mal-muniċipalitajiet fl-UE sabiex jippromwovu l-kummerċ ġust u jistabbilixxu netwerks ġodda tal-kummerċ ġust;

24. Jilqa' u jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ħalli jstabbilixxi grupp ta' ħidma intergovernattiv dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, kif propost mill-Ekwador u l-Afrika t'Isfel u appoġġat minn bosta pajjiżi oħra; jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex timpenja ruħha b'mod pożittiv u kostruttiv fin-negozjati li għaddejjin f'Ġinevra;

25. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni Ewropea jappoġġaw lill-gvern tal-Ekwador fl-isforzi tiegħu biex jiżviluppa u jsostni ġestjoni ambjentali effikaċi, kemm b'mod ġenerali kif ukoll f'żoni sensittivi bħall-Amazsonja u l-Gżejjer Galápagos għax is-salvagwardja tal-ġejjieni tal-pjaneta tagħna hija responsabbiltà komuni;

26. Ifakkar li f'Yasuni, li jagħmel parti mill-Amazsonja, jgħixu bosta tribujiet indiġeni, mijiet ta' speċijiet ta' siġar indiġeni u għexieren ta' speċijiet fawnistiċi fil-periklu; ifakkar is-sinifikat tiegħu għall-umanità u għall-wirt naturali dinji, inkluż għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena;

27. Jiddispjaċih li l-kunċett ta' appoġġ għall-ħarsien ambjentali permezz ta' kumpens għat-telf ta' dħul potenzjali mill-kummerċ u għall-kofinanzjament tal-ħolqien tal-Fond Fiduċjarju Yasuni Ishpingo Tambococha Tiputini (ITT) taħt l-awspiċji tal-Programm tal-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) kif propost mill-gvern Ekwadorjan, li kellu l-ħsieb li jikkumpensa lill-poplu Ekwadorjan għall-waqfien mill-estrazzjoni taż-żejt miż-żoni li jinsabu fil-Park Nazzjonali Yasuni, falla minħabba riżultati ekonomiċi insodisfaċenti;

28. Jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Ekwador sabiex jipprovdi protezzjoni aħjar lill-komunitajiet indiġeni u jhegġegħ tal-Gvern tal-Ekwador jiżgura li l-politiki tiegħu, b'mod partikolari l-istrateġija tal-estrazzjoni mill-minjieri — ma jkollhomx impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni;

29. Jenfasizza l-importanza li jiġu preservati u miżmuma l-komunitajiet indiġeni u lokali li jinkorporaw stili ta' ħajja tradizzjonali, u jenfasizza r-rilevanza tagħhom għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fil-pajjiżi Andini;

30. Jilqa' l-fatt li l-Ekwador irrattifika l-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali, iżda jinnota li l-ftehim kummerċjali ma jagħmel l-ebda referenza għall-konvenzjoni;

31. Jistieden tal-Gvern tal-Ekwador ikompli jtejjeb il-mekkaniżmi nazzjonali eżistenti u d-djalogu mas-soċjetà ċivili fil-qafas ta' monitaraġġ tal-Mekkaniżmu tas-Soċjetà Ċivili, inkluża kampanja sostanzjali ta' informazzjoni u promozzjoni biex tiġi massimizzata l-parteċipazzjoni tal-gruppi involuti fil-Mekkaniżmu tas-Soċjetà Ċivili; ifakkar li l-ftehim kummerċjali jirrikjedi li l-Ekwador jistabbilixxi tali mekkaniżmi sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim;

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015

32. Jistieden lill-partijiet involuti jieħdu miżuri sabiex tittejjeb il-ħidma tal-gruppi konsultattivi nazzjonali; huwa tal-fehma li l-gruppi konsultattivi nazzjonali kollha jeħtieġ ikunu kompletament indipendenti;
 33. Jitlob lill-grupp konsultattiv nazzjonali tal-UE jipproduċi rapport regolari li għandu jiġi ppreżentat u vvalutat mill-Parlament Ewropew;
 34. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm biżżejjed parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-sessjoni annwali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif previst fil-ftehim, u mal-pubbliku ġenerali kif previst fil-ftehim;
 35. Jilqa' l-inizjattivi meħuda mill-Gvern Ekwadorjan bħall-Kunsill Ekwadorjan tal-Parteċipazzjoni Ċivili u r-Responsabilità Soċjali (Consejo de Participacion Ciudadana u Control Social – CPCCS) bħala mezz ta' integrazzjoni, bl-għan li jsaħħaħ u jinċentiva l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, jippromwovi t-trasparenza u jeqred il-prattiki ta' korruzzjoni ifakkar l-importanza tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' djalogu effikaċi fejn dawn ma jeżistux, sabiex jiġi garantit id-dritt taċ-ċittadini u tal-aġenti soċjali li jeżerċitaw, fuq bażi individwali jew kollettiva, id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;
 36. Jenfasizza l-importanza tas-Sottokomitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli konġunt għax dan hu l-uniku mekkaniżmu previst fil-ftehim kummerċjali biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-iżvilupp sostenibbli kemm għall-istati partijiet kif ukoll għall-kumpaniji;
 37. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq quddiem il-Parlament l-aġendi u l-minuti kollha tal-laqgħat tas-sottokomitati;
 38. Jinnota l-introduzzjoni tas-Salvagwardja tal-Bilanċ tal-Pagamenti mill-Ekwador; jistieden lill-Ekwador jindirizza fil-pront it-tħassib identifikat waqt il-konsultazzjonijiet mill-Membri l-oħra tad-WTO fil-Komitat tal-Bilanċ tal-Pagamenti f'Ġinevra;
 39. Jinnota li, flimkien mal-Kolombja u l-Perù, l-Ekwador hu wieħed mill-ikbar prodotturi tal-banana fid-dinja; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura li l-volumi ta' importazzjoni ta' attivazzjoni kif stabbilit fil-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni tal-banana huma rispettati; jitlob lill-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien, u f'kull każ meta l-andament fl-importazzjonijiet tal-banana jkun tali li jaf jikkawża l-ilħuq tal-volumi ta' importazzjoni ta' attivazzjoni, u li ttiprovdi dettalji dwar l-impatt dirett u indirett tal-importazzjonijiet tal-banana minn dawk il-pajjiżi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tissospendi l-eżenzjoni mid-dazju fuq il-banana importata minn dawk il-pajjiżi jekk l-importazzjonijiet jiġdiedu b'mod sproporzjonat, li jikkaġuna jew jhedded li jikkaġuna, ħsara serja lill-ekonomiji tar-reġjuni ta' produzzjoni tal-UE, bħal pereżempju t-telf tal-impjiegi;
 40. Jappella lill-partijiet kollha jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha tal-ftehim jiġu implimentati b'mod effikaċi mad-dħul fis-seħħ tal-ftehim;
 41. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-klawsoli ta' salvagwardja għandhom jiġu stabbiliti fl-istess waqt miż-żewġ naħat sabiex il-produzzjoni nazzjonali titħares kontra żidiet f'daqqa fl-importazzjonijiet li jaf jikkawżaw dannu serju;
 42. Jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u l-Gvern Ekwadorjan jagħtu twegġbiet konvinċenti lill-mistoqsijiet u lit-tħassib imqajjem, qabel ma l-Parlament jivvota fuq l-adeżjoni tal-Ekwador fil-ftehim kummerċjali;
 43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Ekwador, il-Kolombja u l-Perù.
-